MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 9/2003

**Michael Attard Ltd**

**vs**

**Shaun Curmi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu (LM2440.80c) rapprezentanti import ta' tmintax-il kambjala, accettati u ffirmati minnu.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Dicembru tas-sena 2002 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 2710/02FF, u bl-imghax ulterjuri**

**mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------